MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tat-3 ta' Gunju, 2014

Rikors Numru. 265/2014

**William Bodenham, detentur tal-Passaport Ingliz bin-numru 704497444 u Helen Bodenham, detentrici tal-Passaport Ingliz numru T953159 bhala diretturi ta` Greenstar Limited, kumpannija nkorporata u registrata Malta, bin-numru ta` registrazzjoni C49101**

***kontra***

**X**

**Il-Qorti :**

**Preliminari**

Rat ir-rikors prezentat fl-1 ta` April 2014 li jaqra hekk –

*1. Illi l-kumpannija Greenstar Limited (C49101) bhalissa tinsab f`pozizzjoni li ma tistax thallas id-djun taghha ;*

*2. Illi dan l-istat tal-kumpannija Greenstar Limited, wassal lid-diretturi tal-istess kumpannija sabiex jipproponu x-xoljiment u l-konsegwentement stralc volontarju lill-azzjonisti tal-kumpannija Greenstar Limited, u ghaldaqstant il-kumpannija pprocediet sabiex tirrizolvi, permezz ta` rizoluzzjoni straordinarja volontarjament ai termini tal-Artikoli 214(1)(b) u tal-Artikoli 277 et sequitur tal-Att dwar il-Kumpanniji (Kap. 386 tal-Ligijiet ta` Malta) ;*

*3. Illi sussegwentement, id-diretturi tal-kumpannija Greenstar Limited, sejhu laqgha tal-kredituri tal-kumpannija, liema laqgha nzammet fid-9 ta` Dicembru 2013 ai termini tal-Artikolu 278 tal-Att dwar il-Kumpanniji (Kap. 386 tal-Ligijiet ta` Malta) ;*

*4. Illi permezz ta` rizoluzzjoni tal-kredituri prezenti fil-laqgha tad-9 ta` Dicembru 2013, il-kredituri pproponew illi Brian Tonna ta` Nexia BT jigi nominat bhala stalcjarju tal-kumpannija Greenstar Limited ;*

*5. Illi d-diretturi tal-kumpannija Greenstar Limited, sejhu laqgha tal-kredituri ulterjuri fl-14 ta` Marzu 2014, bil-ghan li l-kredituri jirrizolvu sabiex jistabilixxu l-bazi ta` rimunerazzjoni li ghandha tithallas lill-istralcjarju ;*

*6. Illi xi jiem qabel it-tieni laqgha tal-kredituri, liema laqgha kellha ssir fl-14 ta` Marzu 2014, il-kumpannija Greenstar Limited giet infurmata li l-imsemmi Brian Tonna mhuwiex f`pozizzjoni illi jaccetta l-inkarigu ta` stralcjarju tal-kumpannija Greenstar Limited ;*

*7. Illi fil-laqgha tal-kredituri tal-14 ta` Marzu 2014, il-kredituri ma nnominaw lill-ebda persuna ohra sabiex tokkupa l-inkarigu ta` stralcjarju tal-kumpannija Greenstar Limited ;*

*8. Illi di konsegwenza, fil-prezent m`hemm l-ebda persuna nominata bhala stralcjarju tal-kumpannija Greenstar Limited.*

*Ghaldaqstant, u in vista tas-suespost, ir-rikorrenti, filwaqt illi jirriservaw illi jressqu dawk il-provi u sottomissjonijiet ohra kollha necessarji, jitolbu bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni u / jew provvediment necessarju u opportun :*

*i. Tahtar stralcjarju sabiex dan jipprocedi bix-xoljiment u l-konsegwenti stralc tal-kumpannija Greenstar Limited, u dan ai termini tal-Artikolu 279(2) tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta` Malta ;*

*ii. Tistabilixxi r-rimunerazzjoni li tkun dovuta lill-imsemmi stralcjarju appuntat skont it-talba precedenti ;*

*iii. Tissanzjona lill-istralcjarju, minnha appuntat skont it-talba precedenti, sabiex ikun awtorizzat jezercita kull wahda mis-setghat moghtija permezz tal-Artikoli 238(1)(c), (d), u (e) tal-Att dwar il-Kumpannija (Kap. 386 tal-Ligijiet ta` Malta).*

Rat id-digriet taghha tas-7 ta` April 2014 fejn appuntat ir-rikors ghas-smigh ghall-udjenza tat-12 ta` Mejju 2014 fid-9.00a.m. L-avviz tas-smigh kien notifikat lir-rikorrenti, waqt li r-rikors, id-digriet u l-avviz tas-smigh kienu notifikati ukoll lir-Registratur tal-Kumpanniji.

Rat in-nota b`dokumenti li pprezentaw ir-rikorrenti fl-udjenza tad-19 ta` Mejju 2014.

Rat id-digriet taghha moghti fl-istess udjenza fejn halliet ir-rikors ghal provvediment ghal-lum.

## II. <u>Provi</u>

Il-kumpannija Greenstar Limited kienet registrata bin-Nru C49101. L-azzjonisti taghha huma Helen Bodenham u William Bodenham li ghandhom ishma ndaqs. Id-diretturi huma l-istess azzjonisti u huma residenti fi Spanja.

Fil-25 ta` Novembru 2013, saret laqgha generali tal-kumpannija fejn b`rizoluzzjoni straordinarja, li kienet approvata miz-zewg azzjonisti, kien deciz illi :-

1. *the Company shall be placed in a creditor`s voluntary winding up* b`effett minn dak il-jum.

2. *A meeting of the creditors` of the Company be held. To this end the directors of the Company shall cause all the relevant notices of the said creditors` meeting to be sent to all the creditors of the Company and to cause the creditors` meeting to be advertised once in at least one local daily newspaper.*

3. *the Company shall not nominate a person to the office of liquidator of the Company, and a nomination of a person, if any, by those present during the creditors` meeting referred to above, shall for all intents and purposes take precedence to be liquidator of the Company.*

Intbaghat l-avviz tax-xoljiment *and consequential voluntary winding up* skont l-Art 265(1) tal-Kap 386 lir-Registratur tal-Kumpanniji. Fl-istess avviz kien dikjarat mid-diretturi li ma kienux ghamlu dikjarazzjoni ta` solvenza skond l-Art 268(1) tal-Kap 386.

Fid-9 ta` Dicembru 2013 fid-9.00a.m. saret l-ewwel laqgha tal-kredituri. Mill-minuti tal-laqgha jirrizulta li *Dr Joselle Galea from Bank of Valletta proposed Brian Tonna of Nexia BT be appointed as Liquidator, the proposal was seconded by Pierre Farrugia of Nibe Marketing Limited, no other proposals were made. A vote of show of hands was made and was carried unanimously, no abstentions were made.*

Fl-14 ta` Marzu 2014 fid-9.00a.m. saret it-tieni laqgha tal-kredituri. Waqt il-laqgha saret proposta biex Dr Deborah Delceppo tinhatar bhala stralcjarju. Il-minuti jghidu hekk :

*Mr Sweetman* (riferenza ghal Owen Sweetman li huwa alternate director ta` Greenstar Ltd) *asked a vote by show of hands to accept the named liquidator. No one raised their hand. Motion not agreed. Mr Sweetman asked if any creditors present wanted to put forward the name of another liquidator – no answer.*

Fl-14 ta` Mejju 2014, Brian Tonna ghamel affidavit fejn wara li rrefera ghal-laqgha tal-kredituri tad-9 ta` Dicembru 2013 u l-hatra tieghu bhala stralcjarju xehed hekk :-

*Nikkonferma li jien ma kontx f`posizzjoni li naccetta dan l-inkarigu u ghaldaqstant irrifjutajt tali posizzjoni.*

*Nikkonferma li l-kumpannija tieghi, ossia Nexia BT, infurmat lir-rapprezentant legal ital-kumpannija Greenstar Limited li jien m`accettajtx l-inkarigu ta` stralcjarju tal-kumpannija Greenstar Limited.*

## III. **Konsiderazzjonijiet**

It-Titolu II tal-Kap 386 jigbor fih id-disposizzjonijiet li jirregolaw ix-xoljiment u l-istralc konsegwenzjali ta` kumpanniji. It-Titolu II ghandu tliet Sub-Titoli :-

Is-Sub-Titolu I - kompost minn hames kapitoli (ara l-Art 218 sa l-Art 264) - jinkorpora d-disposizzjonijiet tal-ligi li jirregolaw "Stralc mill-Qorti".

Is-Sub-Titolu II – kompost minn erba` kapitoli (ara l-Art 265 sa l-Art 294) – jirregola l-"Stralc Volontarju".

Is-Sub-Titolu III – kompost minn sitt kapitoli (ara l-Art 295 sa l-Art 326) jigbor id-disposizzjonijiet tal-ligi li huma applikabbli ghal kull xorta ta` stralc.

Kif jirrizulta mill-atti ta` l-procediment tal-lum, l-azzjonisti marru ghax-xoljiment u l-istralc tal-kumpannija Greenstar Limited abbazi tal-**Art 214(1)(b) tal-Kap 386** li jghid illi kumpannija xxolji u konsegwentement tiġi stralċjata jekk il-kumpannija tirriżolvi b'riżoluzzjoni straordinarja li għandha xxolji u konsegwentement tkun stralċjata **volontarjament**.

Sabiex tqis it-talbiet tar-rikorrenti, il-Qorti trid thares lejn id-disposizzjoni tas-Sub-Titolu II u tas-Sub-Titolu III. Il-Qorti mhijiex sejra taghti konsiderazzjoni lis-Sub-Titolu I ladarba dik il-parti tal-ligi tirrigwarda biss l-Stralc mill-Qorti u dak in ezami ma kienx Stralc mill-Qorti.

Il-Qorti rat id-disposizzjonijiet tal-Kap 386 li ghalihom ghamlu riferenza r-rikorrenti fir-rikors taghhom.

Fil-fehma tal-Qorti, japplika ghall-kaz tal-lum dak li jghid l-Art 282 tal-Kap 386. Infatti l-istralcjarju li hatru l-kredituri ma accettax l-inkariku. Ghall-Qorti d-decizjoni tal-istralcjarju nominat tekwivali ghal rizenja. Billi l-kredituri ghazlu li ma hatrux lil haddiehor bhala stralcjarju minflok dak prexxelt, il-hatra se ssir mill-Qorti skond il-proviso tal-Art 282 tal-Kap 386 liema disposizzjoni tirreferi ghall-Art 279 tal-istess Att. Dan safejn si tratta tal-ewwel talba.

Fejn si tratta tat-tieni talba, anke minhabba d-dicitura tal-Art 281 tal-Kap 386, il-Qorti mhijiex sejra tiffissa r-rimunerazzjoni tal-istralcjarju ghalkemm izzomm firm li taghmel dan waqt li l-istralcjarju li sejra tappunta l-Qorti jkun qed jaqdi d-dmirijiet tieghu.

Ghar-rigward tat-tielet talba, il-Qorti sejra twarrab dak inghad mir-rikorrenti ghax jidhrilha li d-disposizzjonijiet citati mhumiex applikabbli ghall-kaz tal-lum b`dan illi fl-istess waqt sejra taghti lill-istralcjarju li sejra tappunta s-setghat kollha li jahsbu ghalihom d-disposizzjonijiet li l-Qorti stess iccitat qabel.

**Provvediment**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddecidi dan il-procediment billi :-**

**B`applikazzjoni tal-Art 282 tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta, u riferibbilment ghall-ewwel talba, qeghda tahtar lill-Avukat Dottor Louis Cassar Pullicino bhala stralcjarju tal-kumpannija Greenstar Limited (C49101).**

**Tastjeni milli f`dan l-istadju tipprovdi finalment dwar it-tieni talba hekk kif dedotta, b`dan illi tirriserva li waqt li l-istralcjarju mahtur ikun qieghed jespleta l-inkariku tieghu, u sakemm jikkonkludi l-istess, taghti l-provvedimenti li jkunu mehtiega dwar ir-rimunerazzjoni tieghu.**

**Tipprovdi dwar it-tielet talba tar-rikorrenti mhux daqstant bil-mod kif ressqu t-talba taghhom izda billi tindirizza lill-istralcjarju, li qeghda tahtar bil-provvediment tal-lum, ghall-osservanza ta` dawk id-disposizzjonijiet tal-ligi li jghoddu ghall-hatra tieghu hekk kif riferiti qabel.**

**L-ispejjez kollha tal-provvediment tal-lum, u l-ispejjez kollha tal-istralc – kollox inkluz u xejn eskluz - jithallsu kollha kemm huma minn William Bodenham, minn Helen Bodenham u mill-kumpannija Greenstar Limited (C49101) *in solidum* bejniethom.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------